



STRATEĠIJA TAL-QEA

2026–2030

Tisħiħ tal-fiduċja permezz tal-awditjar

IL-KUNTEST STRATEĠIKU TAGĦNA

L-ambjent li naħdmu fih huwa kumpless u kompetittiv, ikkaratterizzat minn volatilità u inċertezza għal żmien medju. Hekk kif inħarsu 'l quddiem lejn il-perjodu mill-2026 sal-2030, f'dan il-mument jidhru diversi sfidi ewlenin quddiem l-UE.

- Kompetittività u awtonomija strateġika: L-UE qed tesperjenza tnaqqis fil-kompetittività globali tagħha, b'avvanzi teknoloġiċi ewlenin li jseħħu barra mill-fruntieri tagħha. Il-bidliet ġeopolitiċi jqajmu tħassib dwar l-awtonomija strateġika tal-UE u l-kapaċità tagħha li tibqa' kompetittiva fis-suq globali.
- Sigurtà u difiża: Is-snin reċenti ġibdu l-attenzjoni lejn il-fraġilità tal-paċi u, matul dan il-perjodu ta' bidliet ġeopolitiċi rapidi, l-UE qed tiffoka fuq li tħares iċ-ċittadini tagħha u li ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' difiża.
- Migrazzjoni: Approċċ komprensiv għall-migrazzjoni għadu sfida għall-UE. Jeħtieġ li l-Unjoni tisfrutta l-opportunitajiet, filwaqt li tindirizza kwistjonijiet bħat-traffikar illegali tal-migranti u l-ħarsien effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE.
- Ambjent u klima: Jekk ma jintlaħqux il-miri ambjentali, ikun hemm impatt negattiv fuq is-saħħa, l-ekosistemi u l-ekonomija. L-UE trid tadatta u ttejjigi għal klima li qed tinbidel biex ittaffi dawn l-effetti. Jeħtieġ ukoll li tibqa' kompetittiva filwaqt li timxi 'l quddiem lejn l-oġġettivi tagħha ta' emissjonijiet żero netti.

Biex tgħin ħalli dawn l-isfidi jiġu indirizzati, fil-bidu tal-2025 il-Kummissjoni ressqet ideat għal baġit tal-UE riformat u msaħħaħ għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss — b'fokus fuq il-prestazzjoni u b'appoġġ għall-prioritajiet politiċi tal-UE għall-perjodu 2024–2029, jiġifieri Ewropa li tkun ħielsa u demokratika, b'saħħitha u sigura, u prospera u kompetittiva.

Hekk kif il-QEA toqrob lejn il-50 anniversarju tagħha bħala l-awditur estern tal-Unjoni, għadu sod l-impenn tagħna li nippromwovu s-sorveljanza demokratika u l-ġestjoni finanzjarja tajba. Se nkomplu nwasslu rapporti u publikazzjonijiet importanti li jipprovdu analiżi indipendenti u essenzjali fi ħdan xenarju kumpless, u nindirizzaw kwistjonijiet ewlenin għall-ġejjieni tal-UE filwaqt li naqdu liċ-ċittadini tal-UE, lill-partijiet ikkonċernati istituzzjonali, u lis-sħab kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.

Il-QEA wriet reżiljenza u adattabbiltà b'rispons għax-xenarju tal-awditjar li qed jinbidel u li fih noperaw. L-adozzjoni rapida ta' teknoloġiji diġitali u ta' ambjenti kumplessi tad-*data* tippreżenta sfidi għall-metodi tradizzjonali tal-awditjar, iżda toħloq ukoll opportunitajiet għall-innovazzjoni.

L-istrateġija tagħna 2026–2030 se tkun ta' ingranaġġ għall-punti b'saħħithom, il-valuri ewlenin, il-viżjoni u l-missjoni tagħna biex ninnavigaw dawn l-isfidi b'mod effettiv u naħtfu l-opportunitajiet li jitfaċċaw.

IL-VALURI, IL-VIŻJONI U L-MISSJONI TAGĦNA

IL-VALURI TAGĦNA

Bħala l-awditur estern tal-Unjoni, inwettqu xogħolna b'konformità mal-istandards internazzjonali tal-awditjar u l-valuri li ġejjin:



Indipendenza

Aħna nwettqu x-xogħol tagħna mingħajr influwenzi li jikkompromettu, jew li jaf jitqiesu bħala li jikkompromettu l-ġudizzju professjonali tagħna.



Oġġettività

Aħna imparzjali u oġġettivi, u nibbażaw il-konklużjonijiet tal-awditjar tagħna fuq evidenza suffiċjenti u xierqa.



Mġiba etika

Aħna naġixxu b'integrità, onestà, u affidabbiltà, u unikament fl-interess pubbliku tal-UE, u l-għan tagħna huwa li mmexxu bl-eżempju fix-xogħol professjonali tagħna u fil-mod kif nimmaniġġjaw l-istituzzjoni tagħna.



Trasparenza

Aħna nirrappurtaw dwar is-sejbiet tal-awditjar u l-attivitajiet tagħna b'mod ċar, komprensiv u aċċessibbli, u b'appoġġ tal-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha.



Professjonalità

Aħna niksbru, niżviluppaw u nżommu l-oġġla livelli ta' għarfien, għarfien espert u ħiliet b'rabta kemm mal-professjoni tal-awditjar tas-settur pubbliku, kif ukoll mal-ġestjoni finanzjarja u tal-politika tal-UE.



IL-VIŻJONI TAGĦNA

Aħna nsaħħu l-fiduċja fl-Unjoni billi nikkontribwixxu għal governanza u reżiljenza mtejba.



IL-MISSJONI TAGĦNA

Aħna nwettqu awditi indipendenti, ta' kwalità għolja u li jħallu impatt biex intejbu l-governanza, l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-azzjoni li tittieħed mill-UE, u b'hekk insaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini u nikkontribwixxu b'mod effettiv lejn ir-rispons għall-isfidi attwali u futuri li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE.

L-GĦANIJET TAGĦNA

Aħna identifikajna erba' għanijiet strateġiċi li għandhom jintlaħqu sal-2030, li se jgħinuna nilħqu l-viżjoni u l-missjoni tagħna li nikkontribwixxu għal Unjoni aktar reżiljenti u sostenibbli li twassal riżultati liċ-ċittadini tagħha:

GĦAN 1

Intejbu l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-governanza tal-azzjoni li tittieħed mill-UE

GĦAN 2

Nipprovdu aċċertament qawwi tal-awditjar dwar il-finanzi tal-UE

GĦAN 3

Nimmiraw l-awditi tagħna fejn l-aktar li nżidu valur

GĦAN 4

Insaħħu l-kapaċità u l-effiċjenza tal-awditjar tagħna

GĦAN 1:

Intejbu l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-governanza tal-azzjoni li tittieħed mill-UE

L-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza huma elementi kruċjali ta' sistema demokratika u huma essenzjali biex irawmu l-fiduċja taċ-ċittadini fl-UE u fil-ġestjoni finanzjarja tagħha. Permezz ta' xogħolna, għandna l-għan li ntejbu t-trasparenza u t-traċċabbiltà fl-użu tal-fondi tal-UE. Għaldaqstant nappoġġaw b'mod effettiv il-proċess ta' kif naraw li żgur jinżammu responsabbli l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE u jimplimentaw il-politiki tal-UE.

Matul is-snin, identifikajna lakuni u trikkib fl-obbligu ta' rendikont, b'mod partikolari f'oqsma fejn l-UE topera permezz ta' approċċ intergovernattiv. Ġbidna l-attenzjoni wkoll għal nuqqasijiet fil-qafas legali u fil-fasla ta' mudelli ġodda ta' twassil, b'karatteristiċi bħall-finanzjament li ma jkunx marbut mal-kost, l-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni, u r-riformi bħala l-kundizzjoni għal finanzjament mill-UE. Barra minn hekk, jekk l-entitajiet li nawditjaw jinqdew bl-intelliġenza artifiċjali fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE, hemm aktar riskji involuti.

Permezz ta' xogħolna, għandna l-għan li nidentifikaw u nirrakkomandaw modi kif nindirizzaw dawn il-lakuni u r-riskji u kif nikkontribwixxu għal governanza, trasparenza u fiduċja aħjar fl-Unjoni. Dan jinkludi li nindirizzaw nuqqasijiet li jkunu ta' xkiel meta l-UE tieħu azzjoni li trid tħalli impatt.

GĦAN 1

Intejbu l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-governanza tal-azzjoni li tittieħed mill-UE

Biex nilħqu dan l-għan, aħna:

- nidentifikaw u nirrappurtaw problemi ta' governanza u trasparenza, kif ukoll lakuni u trikkib fl-obbligu ta' rendikont, inkluż f'mudelli ġodda ta' twassil;
- nappoġġaw l-inizjattivi kollha li jafdaw lill-QEA b'mandat tal-awditjar ċar u wiesa' fil-konfront tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, inklużi strutturi intergovernattivi li huma ta' rilevanza ewlenija għall-funzjonament tal-UE;
- neżaminaw il-kwalità u l-affidabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni, tad-*data* u — meta jkun japplika — tal-algoritmi li l-entitajiet li nawditjaw jużaw fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE u fil-governanza tagħha;
- nirrakkomandaw titjib ewleni, filwaqt li nżommu f'moħħna l-ħtieġa li nevitaw kumplessità bla meħtieġ.

GĦAN 2:

Nipprovdu aċċertament qawwi tal-awditjar dwar il-finanzi tal-UE

Il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (għall-2028+) jaf iġib miegħu bidliet sinifikanti, inklużi mudelli differenti ta' twassil. Se nkomplu nivvalutaw ir-riskji bir-reqqa fl-oqsma kollha tal-infiq tal-UE u fit-tipi kollha ta' mudelli ta' implimentazzjoni, u se nwettqu xogħolna bl-aktar mod effiċjenti u effettiv. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni u l-iżviluppi tal-IA x'aktarx jolqtu l-mod kif l-entitajiet li nawditjaw jaħdmu u jimplimentaw il-QFP 2028+.

GĦAN 2

Nipprovdu aċċertament qawwi tal-awditjar dwar il-finanzi tal-UE

Biex nilħqu dan l-għan, aħna:

- proattivi u nsegwu l-bidliet fil-QFP 2028+ mill-qrib, u b'hekk nistgħu niżviluppaw u nadattaw l-approċċ tal-awditjar tal-aċċertament li nwettqu biex nipprovdu rapporti u opinjonijiet tal-awditjar li jkunu rilevanti u f'waqthom;
- inkomplu nieħdu kont tal-livell ta' riskju fl-ippjanar u t-twettiq ta' xogħolna;
- ninqadew aktar b'*data* u b'għodod u teknoloġiji tal-IT f'xogħolna relatat mal-aċċertament, filwaqt li nindirizzaw l-affidabbiltà tad-*data* u riskji oħra tal-IT.

GĦAN 3:

Nimmiraw l-awditi tagħna fejn l-aktar li nżidu valur

Aħna identifikkaw erba' oqsma strateġiċi li għandhom jitqiesu meta nippjanaw l-awditi tal-prestazzjoni li se nwettqu u r-rapporti analitiċi tagħna għall-perjodu 2026–2030. Dawn l-oqsma jieħdu kont tal-impenji li jeżistu rigward l-użu tal-fondi tal-UE, il-prijoritajiet tal-Unjoni, kif ukoll ix-xejriet u l-isfidi li jitfaċċaw u li jsawru l-kuntest tagħna:

- il-kompetittività ekonomika u r-reżiljenza tal-Unjoni, li jinkludu l-innovazzjoni, it-tranżizzjoni diġitali, il-kummerċ u l-awtonomija strateġika;
- is-sigurtà, id-difiża, il-valuri demokratiċi u l-azzjoni esterna tal-Unjoni, bl-inklużjoni tat-tkabbir u l-migrazzjoni;
- it-tranżizzjoni tal-Unjoni biex issir reżiljenti għat-tibdil fil-klima u sostenibbli ekonomikament, soċjalment u ambjentalment;
- is-salvagwardja u s-sostenn tal-finanzi pubbliċi tal-Unjoni, li jinkludu governanza ekonomika, finanzjarja u fiskali robusta.

GĦAN 3

Nimmiraw
l-awditi tagħna
fejn l-aktar li
nżidu valur

Permezz ta' dan l-għan, u b'kont meħud tal-prijoritajiet tagħna, aħna:

- niffukaw l-awditi li nwettqu fuq daww il-kwistjonijiet l-aktar importanti, abbażi tar-riskju, il-materjalità, il-kopertura, it-twaqqit, ir-rilevanza u l-interess tal-partijiet ikkonċernati;
- naraw li żgur l-awditi li nwettqu jagħmlu differenza permezz ta' għarfien uniku u billi jtejbu l-użu u l-implimentazzjoni tal-fondi u l-politiki tal-UE;
- nagħmlu rakkomandazzjonijiet — kemm fil-livell tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri — li jkunu mmirati, rilevanti, utli, f'waqthom, fattibbli u kosteffettivi, filwaqt li nagħmlu ħilitna biex ma nżidux piż amministrattiv bla meħtieġ.

GĦAN 4:

Insaħħu l-kapaċità u l-effiċjenza tal-awditjar tagħna

Il-persunal tagħna huwa l-assi l-aktar importanti tagħna, u kruċjali għalina li rridu niksbi l-istrateġija tagħna. Nistinkaw biex naraw li żgur il-kapaċità tal-awditjar tagħna tista' tilqa' l-isfidi li għandna quddiemna, kemm billi nindirizzaw id-diffikultajiet fir-reklutaġġ u ż-żamma ta' persunal kwalifikat fil-Lussemburgu, kif ukoll permezz ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet għall-ħtiġijiet tagħna. Nagħtu valur lid-diversità u l-inklużjoni, nippromwovu l-opportunitajiet indaqs, u naraw li żgur ikollna ambjent tax-xogħol rispettuż ibbażat fuq komunikazzjoni miftuħa, djalogu, u fiduċja reċiproka. L-involvement tal-persunal ul-benesseri tiegħu huma pilastri importanti tal-politiki interni tagħna.

Xogħolna huwa milqut ferm mid-diġitalizzazzjoni, mill-IA u minn konnettività akbar. Id-disponibbiltà tad-*data* u l-għodod tal-IT, u l-aċċess għalihom, jistgħu jibdlu l-mod kif il-partijiet ikkonċernati tagħna jiksbi aċċess għall-informazzjoni u jiżviluppaw għarfien. Jeħtieġ li nikkapitalizzaw fuq l-ammonti dejjem jiżdiedu ta' *data* diġitali u fuq l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi. Dment li nkunu nistgħu niksbi aċċess għad-*data*, nivverifikaw l-affidabbiltà tagħha, u ntaffu jew nadattaw għar-riskji, nistgħu nsaħħu xogħolna billi nkabbbru r-rilevanza u l-produttività tagħna, u għaldaqstant immexxu bl-eżempju u nibqgħu validi fil-ġejjieni.

Fil-perjodu 2026–2030, se nħabbtu wiċċna ma' ambjent estern dejjem aktar diffikultuż, li jaf jinkludi bidliet kbar fl-istruttura u l-funzjonament tal-QFP li jmiss. Dan jista' jkollu implikazzjonijiet għar-riżorsi amministrattivi. Jeħtieġ li nkunu reżiljenti u nkompli nwasslu xogħol li jħalli impatt u li jkun ta' kwalità għolja u f'waqtu. Biex jinkiseb l-impatt, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà tax-xogħol tal-awditjar tagħna huma essenzjali. Għandna l-għan li nilħqu lill-partijiet ikkonċernati tagħna u naqsmu l-messaġġi tagħna permezz ta' rapporti ġusti, ibbilanċjati u bbażati fuq l-evidenza dwar azzjonijiet tal-UE li jirriflettu l-paradigma l-ġdida tal-komunikazzjoni diġitali.

GĦAN 4

Insaħħu
l-kapaċità u
l-effiċjenza
tal-awditjar
tagħna

Permezz ta' żvilupp intern kontinwu, għandna l-għan li nkunu organizzazzjoni li:

- tistma u tinvesti fil-persunal tagħha, billi nipromwovu l-kompetenza u l-għarfien espert, u billi ninvestu fit-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet u fl-akkwiżizzjoni ta' ħiliet ġodda li jkunu ġejjin minn bażi ġeografika wiesgħa;
- tkun reżiljenti u effiċjenti, li turi l-kapaċità li tħabbat wiċċha ma' sfidi u responsabbiltajiet ġodda, u tinkorpora it-teknoloġiji l-aktar reċenti b'mod sigur u affidabbli;
- tippromwovi l-kwalità metodoloġika, kemm internament kif ukoll permezz ta' kollaborazzjoni mal-pari;
- tkun rilevanti l-ħin kollu u li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati billi tipproduċi u tikkomunika messaġġi mmirati, ċari u bbilanċjati.